**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

## GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,

## Seduta ta' nhar it-Tlieta, 12 ta' Gunju, 2001

**Numru 8**

**Avviz. numru 230/01JR**

**Allcare Insurance Agency Limited ghan-nom ta' Middle Sea Insurance plc**

**vs**

**F. Mercieca & Sons Mobili Ltd.**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-5 t'April, 2001, fejn intalab il-hlas ta' hamsa u sittin lira Maltija u tnejn u erbghin centezmu (Lm65.42), rappresentanti l-bilanc mill-prezz ta' "premiums" dovuti fuq poloz ta' assikurazzjoni mahruga fuq ordni u inakrigu tas-socjeta` konvenuta, kif jidher mill-istatement anness bhala Dokument A;**

**Bl-imghax mid-9 ta' Jannar, 1997, u bl-ispejjez inkluzi dawk ta' hames liri (Lm5.00) tal-konsult kontra l-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni permezz tar-rapprezentanti guridici taghha.**

**Ra li s-socjeta` konvenuta debitament notifikata baqghet ma pprezentatx risposta u lanqas ma deher rapprezentant taghha.**

**Semgha x-xhieda ta' Dr. Christopher Vella li kkonferma li l-ammont intier ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13(b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' hamsa u sittin lira Maltija u tnejn u erbghin centezmu (Lm65.42), bl-imghaxijiet legali mid-9 ta' Jannar, 1997.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, eskluzi l-hames liri tal-konsult, ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta` konvenuta skond il-Ligi.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**